**Qorti Civili Sezzjoni Familja**

**Onor. Imhallef Noel Cuschieri LL.D., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 02 ta' Frar 2011**

Citazzjoni Nru. 1192 / 03NC

Kawza fil-lista: 29

**A maghrufa B C,**
**f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri**
**D E C ghal kull interess li jista' jkollu**
**vs**
**F C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Gunju 1995, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel bl-isem ta' D li twieled fil-5 ta' Ottubru 1998; li "il-konvenut irrenda ruhu responsabbli lejn l-attrici ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kontra l-attrici, u peress li l-hajja matrimonjali m' ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex tippromwovi l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-qorti: [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut; [2] tafda l-kura u kustodja tal-minuri Dunskie E C fidejn l-attrici; [3] tawtorizza lill-attrici sabiex tghix fid-dar matrimonjali, proprjeta' parafernali taghha, ad eskluzjoni tal-konvenut, u tordna l-izgumbrament ta' dan mill-istess; [4] tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja bhala manteniment ghaliha u ghal minuri, li tigi fissata minn din il-Qorti; [5] tordna x-xoljiment, il-likwidazzjoni u l-assenzjazzjoni bejn il-partijiet tal-komunjoni ta' l-akkwisti, "filwaqt li tapplika in kwantu applikabbli s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili; [6] tiddeciedi li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment ghalih minghand l-attrici; [7] tillikwida l-assi parafernali ta' l-attrici, u tassenjalha l-istess assi hekk likwidati; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut C li biha eccepixxa: [1] li "ic-citazzjoni hija rrita u nulla stante li l-minuri Dunskie E C m' ghandux locus standi fis-separazzjoni gudizzjarja bejn il-konjugi kontendenti"; [2] li jichad dak attribwit lilu

mill-attrici fl-att tac-citazzjoni, u jsostni li "z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli [lill-attrici]", fosthom l-abbandun ta' l-istess mid-dar konjugali, u ghalhekk ghandhom japplikaw fil-konfront taghha s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli precitati; [3] li l-konvenut m' ghandux jigi ordnat ihallas ebda manteniment, u ghandu jigi fdat bil-kura u kustodja tat-tifel minuri;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Joseph Sammut minnu debitament mahluf;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, l-affidavits u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
**Il-Fatti**
Illi l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Gunju 1995, u minn dan iz-zwieg ghandhom it-tifel D E li twieled fil-5 ta' Ottubru 1998. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa seba' snin l-attrici telqet bit-tifel mid-dar konjugali wara li skopriet li zewgha kellu relazzjoni extra matrimonjali, u fl-20 ta' Awissu ta' l-istess sena nizjat l-proceduri odjerni.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li, ghalkemm ghal bidu huma kienu jghixu kuntenti fiz-zwieg, izda wara certu zmien hi bdiet tinnota li l-konvenut kien jaghmel iljieli shah chatting fuq l-internet ma' nisa ohra, kien izomm il-mobile tieghu f' silent mode, u skopriet li kien jibghat messaggi bil-mobile lil mart il-habib tieghu. Kien ilaqqaghha ma' nisa li jkun ghamel hbieb maghhom biex jibdew jiffrekwentawhom, u ssemmi kazijiet partikolari.

Tghid li "hafna mill-glied taghna inhoss li dejjem kien minhabba nisa li zewgi kien jaghmel hbiberija maghhom u li hu kien ilaqqani maghhom biex nibdew nohrogu flimikien"[2]

Tghid ukoll li "zewgi ghal dawn l-ahhar sentejn kien "beda jwarrabni ntimament. Dejjem bl-iskuzi, dejjemm jien kont insaqsieh biex ikollna rapport sesswali, u bosta drabi kont nigi rifjutata. Kont indunajt ukoll li jiddownlodja pornographic video sites tas-sess, u fuq hekk ukoll kellna l-glied ghax ma kontx nista' nifhem l-ghala lili jirrifjutani kontinwament [u] fl-istess hin jfittex dawn is-sites."

Tghid, li meta f' okkazzjoni marret ghand il-ginekologu, dan kien irrakkomandalha li tibda tiehu l-pillola kontracettiva minhabba il-kondizzjoni medika taghha rizultat ta' l-inkwiet li kellha ma' zewgha; ukoll hi ma xtaqitx tinqabad tqila peress li z-zwieg kien sejjer hazin; u ghalhekk kienet bdiet tiehu l-pillola. Gara li f' okkazzjoni meta hi u zewgha kienu go lukanda ghal weekend break, it-tifel fethilha l-basket u bi zball hargilha l-pillola kontracettiva. Meta l-konvenut sar jaf li martu kienet qed tiehu l-

[1] Vol.2 – Fols.858 *et seq*.
[2] Aff. Prezentat 15 Gunju 2004 – Vol.1 fols.69 *et seq*.

pillola ad insaputa tieghu huwa rrabbja hafna, ghax hass li kellha tghidlu. Dak in-nhar ukoll, wara litigu kbir bejn il-partijiet, il-konvenut irrifjuta li jkun intimu ma' l-attrici.

L-attrici tispejga li, peress li l-konvenut kien riluttanti li jkollu relazzjonijiet intimi ma' martu, tant li l-att taz-zwieg kien isir "forsi darbtejn fix-xahar", u fuq talba taghha, hija hasset li zewgha kien qed jibdilha ma' nisa ohra, u ghalhekk qabbdet investigatur privat, bir-rizultat li skopriet li zewgha kellu relazzjoni ma' mara ohra, certu I J.

Fid-depozizzjonijiet taghha in kontro-ezami, hija tghid li l-inkwiet matrimonjali beda f' Gunju 2003. Hija tichad kategorikament u ripetutatment li hi kellha jew ghandha relazzjoni ma' certu G H, u li hi kienet tmur parties privati fejn kienet iggib ruhha b' mod indicenti ghad-divertiment ta' hbiebu; tichad li kienet tidhol id-dar fl-4.00 am u kienet tnehhi z-zarbun biex il-konvenut ma kienx jismaghha, u tghid li dan kien jaghmlu l-istess konvenut, u mhux hi. Tghid li hi kienet kostretta titlaq mid-dar minhabba vjolenza domestika.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jghid li z-zwieg taghhom dejjem kien bil-problemi minhabba l-karattru u l-agir ta' l-attrici. Jghid li martu ghandha karattru possessiv u dominanti, riedet tikkontrolla kollox, kemm lilu kif ukoll il-flus taghom. Jghid li hi qatt ma' hadmet fiz-zwieg u huma kienu jghixu bid-dhul tieghu biss, izda hi kellha kilba ghal flus, u kienet tixtri u tonfoq bl-addocc. Jghid li "Il-gwardarobba taghha dejjem mimlija bil-hwejjez, u meta mmur nixtri xi haga, hi dejjem targumenta mieghi daqs li kieku qieghed naghmel xi haga hazina." [3] Jispjega kif fil-bidu taz-zwieg taghhom, wara t-twelid tat-tifel, kellu jidhol fi spejjez zejda bla bzonn meta l-attrici biddlet il-vettura taghha [Peugeot] ma' ohra ta' ghamla BMW.

Barra minnhekk hi kienet mara ghajjura u "kwazi neurotic u hi dejjem trid tkun ic-centru ta' l-attenzjoni f' kollox.." Jghid li "ghal [l-attrici] lanqas nohrog barra ma kont nista', ghax ukoll hazin ghaliha."

Il-konvenut jghid li martu kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma G H, u kienet telqet mid-dar konjugali "biex iktar tkun komda, thalli t-tifel mal-genituri taghha, biex hi tmur tiltaqa' mal-boyfriend taghha G H u c-cirku ta' hbiebu."; u li din ir-relazzjoni ilha ghaddejja mis-sajf tas-sena 2002. Jghid li kien sar jaf li martu kienet tattendi restaurant ciniz fejn kienu jsiru private parties fejn l-attrici "waslet biex telghet fuq il-mejda u taghmel certu affarijiet quddiem irgiel ohra." Dan kollu sar fis-sena 2002 waqt il-konvivenza matrimonjali.

Dan sar jafu minghand in-nies u jsemmi lil certu Joanne Tabone. Jghid li "il-kliem tat-tifel kien indikattiv tar-relazzjoni ta' bejn ommu u rgiel ohra, f' dan il-kaz certu K [kunjomu mhux maghruf] illi kellu daghjsa, u [l-attrici] kienet tmur fuq din id-dghajsa kif ikkonfermali t-tifel. It-tifel ripetutament kixef mieghi dak li ghamlet [l-attrici] ma' l-irgiel].

[3] Aff. Vol.1 Fols. 135 *et seq.*

Illi dwar l-incident tal-pillola kontracettiva, il-konvenut jikkonferma li hu kien irrabbja hafna meta sar jaf li martu kienet qed tieghu din il-pillola ad insaputa tieghu; "nahseb li hija issue importanti li mara mizzewwga tiddiskuti li ser tibda tieghu l-pill,.", multo magis meta "ahna konna ilna hafna iktar minn tlett xhur norqdu f' sodda separata minnhabba argument li kellha." Jghid: "L-iskop tal-pill kien li [l-attrici] kien qed ikollha x' taqsam sesswalment frekwentement ma' G H u ma neskludix il-fatt li anke marret ma' nies ohrajn." u wkoll jghid li "[il-pill] hija prova cara li [l-attrici] ikkommettiet adulterju."[4]

Jghid li hemm kazijiet fejn martu kienet dahhlet id-dar fl-4.00am liebsa vera mod imqaccat ghall-ahhar.

Illi rigward ic-chatting, huwa jikkonferma li dan kien isir, u "mhux l-ewwel darba li [l-attrici] kienet hdejja. Fil-fatt kienet hi stess li staqsietni biex nghallimha kif taghmel search ghan-nies biex hi tkun tista' ticcattja maghhom."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in propozitu l-perit legali kkonkluda li "it-tkissir taz-zwieg sehh minhabba djun ezorbitanti, sighat twal ta' xoghol u ambizzjonijiet qawwija ghall-espansjoni ta' negozju li naqset l-importanza tal-partijiet lejn xulxin fiz-zwieg."[5]

Din il-Qorti, filwaqt li tosserva li mhijiex eskluza l-ezistenza ta' dawn il-fatturi ndikati mill-perit legali fil-hajja matrimonjali tal-partijiet, ma taqbilx mal-konkluzjoni li t-tkissier taz-zwieg sehh minhabba dawn il-fatturi; izda hija tal-fehema li z-zwieg tfarrak, u tfarrak irrimedjabbilment, minhabba l-konfidenzi u hbiberija zejda li l-konvenut kien jittrattjeni ma' nisa ohra, u eventwalment ir-relazzjoni adulteruza li huwa kellu ma' I J.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha akkwiziti, u waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici hija aktar verosimili u konfacenti mill-provi prodotti. Is-segwenti osservazzjonijiet huma opportuni:

[A] [i] Illi l-verzjoni attrici, in kwantu tattribwixxi lill-konvenut hbiberija u konfidenzi ma' nisa ohra, u eventwalment anke relazzjoni adulteruza, issib konfort qawwi fit-traskrizzjonijiet[6] tal-konverzazzjonijiet telefonici annessi ma' l-affidavit ta' l-attrici u registrati minnha, kif ukoll fir-ritratti ezebiti minnha; liema provi ma gewx kontestati.

[ii] Illi l-konvenut, nonostante l-affidavit dettaljat tieghu, ma cahadx, la l-kontenut tat-traskrizzjonijiet telefonici, u lanqas l-allegazzjoni attrici li hu kellu relazzjoni ma' I J.

[iii] Illi l-incident tal-pilloli kontracettivi huwa element ta' prova li ma jwassalx ghall-konkluzjoni li wasal ghaliha l-konvenut, u cioe' li din hija "prova cara li l-attrici kkomettiet adulterju." Il-Qorti tosserva li l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-attrici, u cioe' li hi kienet bdiet tiehu l-pillola minhabba l-kondizzjoni taghha, u wkoll sabiex ma tinqabadx tqila peress li z-zwieg taghhom ma kienx sejjer tajjeb, dawn l-ispjegazzjonijiet, partikolarment l-ahhar wahda, huma fil-fehema tal-Qorti, verosimili

---

[4] Sottolinear tal-Qorti
[5] Vol.2 – Fol.879
[6] Appendici A – Fols.337 *et seq.*

fic-cirkostanzi; di piu' il-fatt li l-attrici kienet izzomm dawn fil-handbag taghha, huwa rikonciljabbli mal-fatt li hi riedet izzomm dan il-fatt mistur minn zewgha, u ghalhekk kienet iggorrhom maghha. Fuq bazi ta' probabbilita' din il-verzjoni qeda tigi accettata bhala veritiera minn naha tal-Qorti; u zgur ma tistax titqies bhala "prova cara" jew indikazzjoni gravi, preciza u konkluziva ta' l-adulterju da parti ta' l-attrici.

[B] [i] Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut allega li r-relazzjoni matrimonjali ma kienitx sejra tajjeb minhabba l-karattru possessiv u dominanti ta' l-attrici li riedet tikkontrolla kollox.

In propozitu l-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni ma ssib ebda korroborazzjoni fil-provi. Hija biss allegazzjoni li, fil-fehema tal-Qorti, hija ntiza biex il-konvenut jitfa' dell ikrah fuq l-attrici, sabiex jipprova jnaqqas il-htija tieghu rizultanti mir-relazzjoni adulteruza tieghu.

[ii] Illi l-konvenut jallega wkoll, u b' mod dettaljat u ripetut, li matul il-konvivenza matrimonjali, l-attrici kellha relazzjoni ma' G H, liema relazzjoni huwa kien skopra minn dak li kienu qalulu in-nies.

In propozitu l-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni hija bazata fuq detto del detto, u cioe' fuq dak li qalulu n-nies, inkluzi dawk indikati minnu fl-affidavit tieghu; izda ma ngabet ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni nuda u kruda tieghu, lanqas gew prodotti bhala xhieda n-nies indikati minnu. Din il-konsiderazzjoni tkompli tizdied fil-qawwa taghha, meta titqies fid-dawl tal-fatt li waqt il-kontro-ezamijiet l-attrici cahdet kemm-il darba r-relazzjoni adulteruza allegata mill-konvenut.

[iii] Illi, kif gja fuq osservat, l-attrici kategorikament u ripetutament cahdet kemm-il darba din l-allegazzjoni, kif cahdet l-allegazzjoni tal-konvenut dwar l-attendenza u l-imgieba taghha fi parties privati fir-restaurant indikat minnu.

[iv] Illi is-CD prezentat mill-konvenut li fiha tidher li hemm registrata konverzazzjoni bejnu u bejn it-tifel tal-partijiet, hija nkonkluzziva bhala prova, stante li ma tipprova xejn ghajr li f' okkazzjoni l-attrici u t-tifel kienu fuq id-dghajsa ta' certu K li, dan pero' ma raqadx hemmhekk maghhom; inoltre ma hemmx prova ta' data u hin.

Barra minnhekk il-Qorti tirraviza element qawwi ta' manipulazzjoni da parti tal-konvenut fuq it-tifel minuri tal-partijiet. Huwa sinifikattiv il-fatt li, filwaqt li l-konvenut naqas milli jipproduci bhala xhud il-persuni adulti ndikati minnu biex jsostni dak allegat minnu, huwa ma ra xejn hazin li jdeffes lil ibnu minuri fin-nofs, billi jiehdu il-yacht marina l-Imsida sabiex jissoggettah ghal diversi mistoqsijiet b' tentattiv fjakk, u, fil-fehema ta' din il-Qorti abbuziv, biex jipprova l-allegazzjoni tieghu fil-konfront ta' martu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment bi htija tal-konvenut dovut hemm ghall-adulterju tieghu kif ukoll ghall-ingurji gravi tieghu fil-konfront ta' martu: adulterju, in kwantu ghar-relazzjoni extra matrimonjali li kellu ma' I J waqt il-konvivenza matrimonjali; u ngurji gravi in kwantu ghall-konfidenzi ma' nisa ohra. Dan il-komportament jattira fil-konfront

tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48[1] tal-Kap.16 applikabbli mit-30 ta' Gunju 2003.

**Kura u Kustodja**
Illi fic-cirkostanzi, u tenut kont primarjament ta' l-interessi tal-minuri D li llum ghandu 12-il sena, dan ghandu jibqa' jghix ma' l-attrici li ilha trabbih mit-twelid, u din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghaliex ghandha tvarja l-istatus quo f' dan ir-rigward.

Ghalhekk il-Qorti qed tafda f' idejn l-attrici l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, bi dritt ta' access favur il-missier, regolat bil-mod ndikat mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond Awla Civili tad-29 ta' Ottubru 2003, jew kif il-partijiet jiftehmu bil-miktub.

**Manteniment**
Illi, tenut kont tal-fatt li l-attrici qeda f' impieg regolari, din il-Qorti mhux ser tiffissa retta alimentarja ghaliha; izda tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut, kemm-il darba din titlef l-impieg taghha u ma tkunx fil-possibilita' li tiggenera ntrojtu ghaliha; u dana tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq il-konvenut.

Illi rigward il-manteniment ghal-minuri, il-Qorti, salv il-premess, taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali. L-obbligu tal-manteniment da parti tal-konvenut fil-konfront ta' ibnu minuri huwa wiehed assolut, u, ghalkemm il-konvenut isostni li hu ma jahdimx, din il-Qorti, bhal perit legali, hija propensa li tirrespingi din l-allegazzjoni bhala nveritiera; inoltre, il-konvenut ghandu sengha li taghtih il-potenzjal li jiggenera ntrojtu san, kif kien jaghmel fil-passat, qabel ma bdew il-piki rizultat tal-proceduri nizjati mill-attrici.

Ghaldaqastant, u tenut kont tal-provi akkwiziti, il-Qorti tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici, bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri, is-somma mensili ta' erba mija u sebghin ewro [€470], li jinkludu l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri [kemm-il darba dan jattendi l-iskola ta' l-istat], kif ukoll l-ispejjez ordinarji relatati mas-sahha tal-minuri, filwaqt li l-ispejjez straordinarji dwar is-sahha tal-minuri ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet. Tordna wkoll li, fil-kaz li t-tifel bi ftehim maz-zewg partijet, jintbaghat f' iskola privata, allura l-ispejjez tal-mizati ghandhom jinqassmu in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attrici.

Illi l-hlas tal-manteniment ghandhu jsir billi l-konvenut jiddepozita, fil-bidu ta' kull xahar, l-imsemmi ammont f' kont bankarju u Bank indikat lilu mill-attrici permezz ta' nota.

Illi inoltre l-attrici ghandha tippercepixx kull beneficju u/jew assistenza socjali relatati mal-minuri.

Illi rigward il-manteniment arretrat, jinsab assodat fil-gurisprudenza li dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ta' l-assi tal-partijiet; u ghalhekk fil-kaz odjern il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici dak l-ammont kollu dovut minnu, bhala manteniment u spejjez edukattivi, ordnati

mill-Qorti, u li ghadhom ma thallsux, u precizament is-somma ta' seba u ghoxrin elf, sitt mija u sittax-il ewro u sittin centezmu [€27,616.60][7] rapprezentanti arretrat ta' manteniment dovut mill-konvenut minn Frar 2006; minn dan l-ammont ghandhom jitnaqqsu l-pagamenti maghmula sussegwenti akkont tal-manteniment, kontra debita ricevuta.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

F' dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghar-relazzjoni tal-perit legali pagni 24 sa 30 li qed jigu annessi mal-gudizzju odjern [Appendici A][8].

Illi l-attiv u l-passiv tal-komunjoni, kif ukoll l-assi parafernali ta' l-attrici huma ndikati fir-relazzjoni peritali taht l-intestaturi 'Djun' 'Assi' 'Proprjeta' Parafernali'. Il-Qorti tikkonferma l-assenjazzjoni maghmula lill-partijiet kif indikata fir-relazzjoni.

Rigward il-bilanc tad-dejn li sar ghall-uzu tan-negozju, il-Qorti tosserva li dan hu dejn tal-komunjoni mhallas mill-flus tal-komunjoni; l-ammonti kollha sat-30 ta' Gunju 2003 li thallsu biex gie mhallas il-parti l-kbira ta' dan id-dejn [li kien jammonta ghal LM66,660 u li minnhom thallsu LM58.280], kemm jekk thallsu mill-attrici kemm jekk thallsu mill-konvenut, thallsu mill-introjtu taghhom generat meta l-komunjoni ta' l-akkwisti kienet ghada vigenti, u ghalhekk appartenenti liz-zewg partijiet. Ghaldaqstant ma hemm ebda lok ghal xi refuzjoni f' dan ir-rigward tal-ammonti mhallsa mill-attrici qabel l-imsemmija data tat-30 ta' Gunju 2003, filwaqt li hi ghandha d-dritt ghar-refuzjoni ta' nofs l-ammonti mhallsa minnha <u>wara</u> din id-data, tenut kont tad-dekadenza da parti tal-konvenut.

Illi rigward il-pretensjoni attrici dwar s-sehem taghha mill-introjtu percepit mill-konvenut fil-mori tal-proceduri odjerni,[9] il-Qorti, bhala perit legali, tosserva li l-allegazzjoni taghha hija bazata biss fuq kongetturi u assunzjonijiet, u, kif sottomess mill-perit legali, "l-attrici mhijiex fil-pozizzjoni li tghid jekk effettivament ic-cifri minnha ndikati humiex rejali jew le, dahlux f' idejn il-konvenut jew le."[10]; wara kollox hija verosimili l-asserzjoni li negozju gestit mill-konvenut beda jmur lura malli nfethu l-proceduri odjerni, kif ukoll bil-mandat ta' sekwetru maghmul mill-attrici u z-zamma da parti taghha ta' apparat tan-negozju.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti tordna li l-assenjazzjoni ta' l-assi ssir kif indikat mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu.

*Eccezzjoni Preliminari*

Jigi osservat li l-eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li c-citazzjoni hija nulla stante li l-minuri m' ghandux locus stanti fis-separazzjoni gudizzjarja bejn il-kontendenti, il-Qorti tosserva li l-minuri ghandu nteress dirett fil-proceduri odjerni, stante li l-attrici qeda titlob il-kura u kustodja tieghu, kif ukoll il-hlas ta' manteniment ghalih minghand il-konvenut, liema talbiet jolqtu direttament u personalment lill-minuri, u

[7] Fol 357 Vol I - Manteniment minn Frar 2006 rapprezentanti €575.35 [€349.41 manteniment + €225.95 mizati] fix-xahar x 12 x 4 – sa Frar 2011
[8] Fols. 882 sa 888
[9] Vol.2 - Fol.881
[10] Ibid.

ghalhekk, ghandu jririzulta car l-interess guridiku da parti tal-minuri f' dawn il-proceduri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba, kif fuq ordnat u stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja.';
[3] tilqa' t-tielet talba;
[4] tilqa' r-raba talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[5] tilqa' il-hames talba fis-sens li tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett mit-30 ta' Gunju 2003, u li din tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[6] tilqa' s-sitt talba;
[7] tilqa' is-seba talba kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**